# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 554/01/SM**

**Pierre Vella Petroni**

**Vs**

**Albert Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disa' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM509.75,0) dovuta lill-attur bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura, flimkien ma' l-imghax kummercjali skond il-ligi mid-data tal-konsenja ta' l-istess merkanzija, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**